MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Numru 40/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Ronald sive Ronnie Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 40 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Ronald sive Ronnie Azzopardi, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap, illi fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Jannar, 2003, ghall-habta ta' nofs il-lejl, fi Triq Sant'Antnin, Marsaskala, waqt li Giovanni sive Jonathan Spiteri kien ghaddej bil-vettura Toyota Corolla AAT-091, hu gie avvicinat minn Ronald sive Ronnie Azzopardi li kien fuq mutur li spara b'pistola hames tiri fid-direzzjoni tal-istess Spiteri li ntlaqat fi spalltu. Illi Azzopardi ghamel dana dolozament bil-hsieb li joqtol lil Spiteri jew li jqieghedlu l-hajja tieghu f'periklu car, izda fortunatament Ronald sive Ronnie Azzopardi ma rrnexxielux li joqtlu peress li Spiteri tbaxxa w in parti

rrnexxielu jisgicca w dana wkoll minkejja li peress li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu Spiteri baqa' diehel go hajt.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill- volonta' tieghu.

Illi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Lulju, 1999, l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi nstab hati ta' delitt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi recidiv, hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l- hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill- volonta' tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa l-ghomor skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Jannar, 2003, kif indikat fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, Ronald sive Ronnie Azzopardi kellu f'idejh u fuqu arma tan-nar (pistola) u munizzjoni minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. B'din l-arma hu spara b'intenzjoni omicida fuq Giovanni Spiteri.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi sar hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond, arma tan- nar jew munizzjon, jew kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Illi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Lulju, 1999, l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi nstab hati ta' delitt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi, recidiv, hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond, arma tan-nar jew munizzjon, jew kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa erba snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 3(1)(1A), 19 u 27 tal-Kap. 66 u fl-artikoli 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' Marsaskala, fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Jannar, 2003, Ronald sive Ronnie Azzopardi volontarjament ghamel hsara fuq il-vettura Toyota Corolla AAT-091 ta' sidha David Spiteri minn Bormla ta' aktar minn hamsin liri (LM50) waqt li din kienet qed tinstaq minn Giovanni sive Jonathan Spiteri.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi sar hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn hamsin liri izda taht il-hames mitt lira.

Illi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Lulju, 1999, l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi nstab hati ta' delitt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi, recidiv, hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'dan illi l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn hamsin liri izda taht hames mitt lira.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn hames xhur sa sena w nofs skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-akkuzat tal-31 t' Ottubru, 2007 li biha eccepixxa :-

1. Illi l-att tal-akkuza huwa null in kwantu jezisti difett fl-atti tal-kumpilazzjoni konsistenti fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport ta' l-ufficjal tal-Pulizija w dan ai termini tas-subinciz (4) ta' l-artikolu 597 tal-Kodici Kriminali.

2. L-inammissibilita' tad-dokument PG1 esebit mix-xhud Patrick Gatt fis-seduta tat-22 t' April, 2005 (li jinsab a fol. 293) in kwantu l-kontenut ta' l-istess jammonta ghal *hearsay evidence* u inoltre l-produzzjoni ta' dan id-dokument huwa in vjolazzjoni tar-regola kontenuta fis-sub-inciz (2) tal-artikolu 633 tal-Kodici Kriminali.

3. L-inammissibilita' tax-xiehda ta' Patrick Gatt li nghatat fis-seduta tat-22 t' April, 2005 (fols. 291-292) in kwantu hija manifestament irrilevanti, m'ghandha xejn x' x' taqsam mal-kaz u hija intiza biss biex titfa' dell fuq il-karattru tal-akkuzat biex tohloq pregudizzju ngust w ingustifikat f' mohh il-gurati w, konsegwentement u indipendentement

mir-ragunijiet moghtija fit-tieni eccezjoni, l-inammissibilita' tad-Dok. PG1.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-14 ta' Frar, 2008 li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li t-tieni eccezzjoni ghandha tigi deciza mill-Imhallef togat waqt il-guri wara li jkun maghruf jekk ix-xhud Doris Attard, omm l-akkuzat, tixhidx jew le kontra jew favur binha w wara ukoll li tkun xehdet jew tixhed dwar din il-prova. Konsegwentement u ghalhekk l-akkuzat irtira t-tieni eccezzjoni tieghu f' dan l-istadju w irrizerva li jissollevaha fit-termini tal-verbal fuq registrat.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 2008, li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li kienu semghu it-*tape recording* flimkien. Dr. Barbara insista li t-*tape recording* hu ammissibbli f' dak l-istadju.

Fliet l-atti tal-kumpilazzjoni limitatament biex tindaga dwar iz-zewg eccezzjonijiet li ghad iridu jigu decizi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, eccezzjoni simili gja giet deciza minn din il-Qorti fil-kawzi :- **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Owen Bonnici" , "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Gatt et."** u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bartolo"** [kollha tal-14.2.2008] (li dwarhom ghad hemm appelli pendenti pero’).

Ikkonsidrat;

Illi bhala fatt minn ezami tal-atti tal-Istruttorja jirrizulta li wara li gew registrati l-akkuzi kontra l-akkuzat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fit-28 ta' Frar, 2003, (fol. 1), a fol. 3 hu verbalizzat li "Fuq rapport maghmul mill-Ispettur Carmelo Magri bil-Malti bil-gurament quddiem l-imputat jghid" u jsegwi verbatim it-

test tal-imputazzjoni kontra l-imputat li tinsab a fols 1 u 2 tal-process.

Inoltre a fol. 11 tal-process hu verbalizzat li fl-istess seduta :-

***"Deher l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri li halef l-akkuza fil-konfront tal-imputat …."***
(emfasi w sottlinear ta' din il-Qorti)

Wara mbaghad il-Qorti ghaddiet biex tkompli bl-atti tal-prezentata w eventwalment bl-atti tal-kumpilazzjoni, fejn xehdu fuq il-mertu diversi xhieda inkluz l-istess Spettur Magri.

Ikkonsidrat

Illi l-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment kif gej:-

*"L-att ta' l-akkuza ma jistax jigi attakkat minhabba difetti fl-atti tal-kumpilazzjoni, u l-akkuzat lanqas ma jista' jitlob li, minnhabba xi wiehed minn dawn id-difetti, il-kawza ma tghaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' l-akkuza, hlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport ta' l-ufficjal tal-Pulizija ……bla hsara dejjem tal-jedd ta' l-akkuzat u ta' l-Avukat Generali li jopponi li jingieb fil-kawza xi att li ma jkunx maghmul skond il-ligi, u li jkun irid jingieb sabiex bih issir xi prova."*

Illi mbaghad skond l-artikolu 390(1) tal-Kap.9, il-Qorti tal-Magistrat bhala Qorti Istruttorja trid :- *"tisma' r-rapport bil-gurament ta' l-ufficjal tal-Pulizija, tezamina, bla gurament, lill-imputat, u tisma' l-provi li jingiebu biex isahhu r-rapport. Kollox ghandu jitnizzel bil-miktub."*

Ikkonsidrat;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubju li meta kienet ser tibda l-kumpilazzjoni, l-Ispettur prosekutur kien kkonferma l-akkuzi bil-gurament. Dan jirrizulta espressament mill-verbal a fol. 11 u mill-istess

traskrizzjoni tal-konferma tar-rapport bil-gurament a fols. 3 u 4. Kif irriteniet fil-kawzi ta' **Bonnici, Gatt et** u **Bartolu** fuq citati, fil-fehma ta' din il-Qorti l-qari tal-akkuza bil-gurament mill-ufficjal tal-Pulizija li jkun qed jaghmel il-prosekuzzjoni jissodisfa l-vot tal-ligi kif mahsub fl-artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali. Din kienet dejjem il-prassi segwita fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja w cioe' li mal-prezentata bl-arrest (jew f' kazijiet fejn l-akkuzat jigi imsejjah biex jidher b' citazzjoni) li l-ewwel u qabel kollox jitla' fuq il-pedana tax-xhieda l-ufficjal prosekutur u jaqra '*verbatim'* l-akkuza jew akkuzi w jikkonfermhom bil-gurament. Dan hu r-*"rapport"* ghal-fini tal-ligi f' dan il-kontest w din il-Qorti ma taf bl-ebda forma ohra ta' *"rapport"* li tintuza f' dan l-istadju tal-process kriminali.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, la darba gie espressament verbalizzat li l-Ispettur tal-Pulizija Carmelo Magri halef l-akkuza fil-konfront tal-imputat, ma jirrizultax id-difett fl-atti tal-kumpilazzjoni li jista' jaghti lok ghan-nullita' tal-att ta' l-akkuza odjern skond l-art. 597(4) tal-Kodici Kriminali w, konsegwentement, l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzat qed tigi respinta.

Ikkonsidrat;

Illi dwar it-tielet eccezzjoni li tirrigwarda l-inammissibilita' tax-xiehda tax-xhud Patrick Gatt li tinsab traskritta a fols. 291 u 292 tal-process, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha din ix-xiehda w thoss li verament din ix-xiehda hija kalkolata biex titfa' dell fuq il-karattru w l-"kondotta perikoluza" tal-akkuzat bla ebda riferenza diretta ghall-fatti lilu attribwiti fit-tlitt kapi ta' l-Att ta' l-akkuza ghaliex l-isparatura li dax-xhud jallega li saret mill-akkuzat fil-prezenza tieghu ma jirrizultax li grat fid-dati tal-incident li ghalihom jirreferu t-tlitt kapi ta' l-att tal-akkuza.

Illi anki jekk umbaghad din ix-xiehda hija intiza biex tipprova dak li fil-ligi Ingliza tissejjah *"a system of conduct",* dan fil-fehma tal-Qorti xorta jista' jaghti lok biex tigi pregudikata l-pozizzjoni tal-akkuzat f' ghajnejn il-gurati w fic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li jkun prudenti li din ix-xiehda in kwantu tirriferi ghal din l-isparatura li ra x-xhud

Gatt ghandha tigi ammessa bhala prova, salvi d-drittijiet tal-prosekuzzjoni skond il-proviso tal-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali, jekk ikun il-kaz..

Ix-xiehda ta' Gatt umbaghad taghmel riferenza ghal dak li allegatament kienu qalulu Giovanni Spiteri u Kevin il-Fly dwar li l-akkuzat kien spara ghall-istess Spiteri, imma stante li l-istess xhud xehed li hu stess ma kien ra xejn minn dan u ma jafx xejn dwaru w li dan kollu x' qalulu haddiehor, din il-parti tax-xhieda hija bazata fuq "*hearsay"* u ergo zgur li mhux ammissibbli.

Hemm umbaghad x' qalet omm l-akkuzat lil dan ix-xhud li hu ukoll *"hearsay*". Tali depozizzjoni inkluz ir-*recording* ta' dak li allegatament intqal minn Dolores Azzopardi lix-xhud, jista' talvolta ikun utili biss biex tigi kkontrollata d-depozizzjoni ta' din Dolores Azzopardi, jekk tixhed bhala xhud tal-prosekuzzjoni jew tad-difiza fil-kawza kontra binha l-akkuzat, tenut kont ta' dak  kontemplat fl-artikolu 633 (2) tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ppruvat tisma' t-*tape recording* (Dok. PG1) u minn dak li setghet tifhem dan f' dan ir-*recording,* li hu twil biss ftit sekondi, tinstema' vuci ta' mara tghid xi kliem fis-sens li peress li ma kellux permess (min ma tghidx) qal li sparawlu. Umbaghad issemmi li hi m' ghandhix fejn toqghod meta mara ohra ghandha fejn toqghod. Tghid ukoll "*Lil Ronnie tatihx tort."*

Ghalhekk, apparti l-valur probatizju ta' din il-konversazzjoni u ta' dan it-*tape recording,* sakemm ikun maghruf jekk din ix-xhud tkunx ser tixhed jew le, din il-Qorti ma tkunx f' pozizzjoni li tiddikjara tali parti tad-depozizzjoni ta' Patrick Gatt inammissibbli. F' kaz li din ix-xhud tixhed bhala xhud tal-prosekuzzjoni jew tad-difiza, din il-Qorti tirrizerva minn issa stess li f' kull stadju il-Prosekuzzjoni jkollha d-dritt li tipproduci lil Patrick Gatt u l-imsemmi *tape recording*, biss bil-ghan li tigi kontrollata l-versjoni ta' din ix-xhud u xejn izjed u bla ma ssir riferenza mill-istess xhud ghall-incident tal-isparatura li ra hu b' ghajnejh f' kontest differenti mill-incident imsemmi fit-tlitt

kapi tal-att ta' l-akkuza w bla ma jissemma x' qalulu Giovanni Spiteri w Kevin il-Fly.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi w tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzat, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni stante li din giet irtirata mill-akkuzat f' dan l-istadju bir-rizerva fuq imsemmija w tilqa' t-tielet eccezzjoni ghar-rigward biss ta' xi riferenza li x-xhud Patrick Gatt ghamel ghall-incident tal-isparatura li hu allegatament ra lill-akkuzat jaghmel (u dan salv dak li jipprovdi l-proviso tal-art. 489 tal-Kap.9) kif ukoll ghar-rigward ta' dak li allegatament qalulu Giovanni Spiteri w Kevin il-Fly u tirrizerva li tipprovdi dwar dik il-parti tax-xiehda ta' Patrick Gatt li tirrigwarda x' allegatament qalet Dolores Azzopardi lix-xhud Patrick Gatt, w l-esebizzjoni tal-imsemmi *tape recording* (Dok. PG1) biss ghall-fini tal-kontroll tal-istess xhud, jekk din tixhed u jekk ikun il-kaz.

Il-Qorti qed tiddifferixxi l-kawza *“sine die”,* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta’ xi appell eventwali, u jekk ma jkunx hemm tali appell, sakemm il-kawza jmissha t-turn taghha biex tinstema' minn din il-Qorti bil-gurati.

Sadattant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li huwa llum ghar-rigward tal-liberta’ provizorja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------